IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.5.2016
COM(2016) 297 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tħassar id-Deċiżjoni 2009/416/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Irlanda

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tħassar id-Deċiżjoni 2009/416/KE dwar l-eżistenza ta' żbilanċ eċċessiv fl-Irlanda

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Fis-27 ta' April 2009, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, il-Kunsill iddeċieda, bid-Deċiżjoni 2009/416/KE[1] skont l-Artikolu 104(6) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li kien jeżisti defiċit eċċessiv fl-Irlanda. Il-Kunsill innota li d-defiċit tal-gvern laħaq is-6,3 % tal-PDG fl-2008,għalhekk ogħla mit-3 % tal-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat u ġie stmat li kellu jilħaq il-11 % tal-PDG fl-2009. Id-dejn gross tal-gvern kien previst li jaqbeż is-60 % tal-valur referenzjarju tal-PDG skont it-Trattat fl-2009.

(2) Fl-istess data, skont l-Artikolu 104(7) tat-Trattat u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97, il-Kunsill, abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, bagħat rakkomandazzjoni lill-Irlanda biex tikkoreġi d-defiċit eċċessiv sa mhux aktar tard mill-2013. Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ġiet ippubblikata.

(3) Fit-2 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill ikkonkluda li l-awtoritajiet Irlandiżi kienu ħadu azzjoni effettiva f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' April 2009, iżda li jista' jitqies li fl-Irlanda seħħew avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-finanzi tal-gvern. Għaldaqstant, il-Kunsill, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, qies li l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97 kienu ntlaħqu, u ħareġ Rakkomandazzjoni ġdida lill-Irlanda skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat bl-għan li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tinġieb fi tmiemha sal-2014[2].

(4) Fis-7 ta’ Diċembru 2010, il-Kunsill ikkunsidra li fl-Irlanda kienu seħħew avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'konsegwenzi sfavorevoli kbar għall-finanzi tal-gvern, b’mod partikolari b'referenza għall-miżuri ta’ appoġġ għas-settur bankarju sostanzjali li kellhom jiġu implimentati. Għalhekk, il-Kunsillwara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, ħareġ rakkomandazzjoni ġdida lill-Irlanda skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat, li tistabbilixxi data ta’ skadenza għall-2015 għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv[3]. Fl-istess ħin, wara talba mill-awtoritajiet Irlandiżi għal assistenza finanzjarja

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/416/KE tas-27 ta' April 2009 dwar l-eżistenza ta’ żbilanċ eċċessiv fl-Irlanda.

2 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2009 bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Irlanda.

3 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2010 bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Irlanda.

mill-Unjoni Ewropea, mill-Istati Membri li għandhom il-munita euro u mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), il-Kunsill indirizza deċiżjoni lill-Irlanda dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja u dwar miżuri speċifiċi għar-restawr tal-istabbilità finanzjarja u t-tkabbir sostenibbli[4]. Il-Memorandum ta' Qbil dwar il-Kundizzjonalità Speċifika tal-Politika Ekonomika (il-"Memorandum ta' Qbil") bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Irlandiżi ġie ffirmat fis-16 ta' Diċembru 2010.

(5) Fl-24 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Irlanda kienet ħadet azzjoni effettiva lejn il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv sal-2015 kif rakkomandat mill-Kunsill fis-7 ta' Diċembru 2010[5].

(6) F'konformità mal-Artikolu 10(2), l-ittra (a) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013, l-Irlanda kienet ġiet eżentata minn rappurtar separat skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv u rrapportata fil-qafas tal-programm ta' assistenza finanzjarja tagħha.

(7) F'Diċembru 2013, l-Irlanda temmet b'suċċess il-programm ta' assistenza finanzjarja tal-UE-FMI, bil-maġġoranza vasta ta' kundizzjonijiet politiċi tal-programm milħuqa u bil-fiduċja tal-investituri fis-settur tad-dejn sovran u s-settur bankarju rkuprata.

(8) Skont l-Artikolu 4 tal-Protokoll dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv anness mat-Trattati, il-Kummissjoni tipprovdi d-dejta għall-implimentazzjoni ta' din il-proċedura. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw dejta dwar id-defiċit tal-gvern u d-dejn pubbliku tagħhom kif ukoll dwar varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009[6].

(9) Il-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni biex iħassar deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fuq il-bażi ta' dejta notifikata. Barra minn hekk, deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar biss jekk (i) il-previżjonijiet tal-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit ma jkunx se jaqbeż il-limitu ta' 3 % tal-PDG tul il-perjodu ta' tbassir[7].

(10) Abbażi tad-dejta pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara n-notifika mill-Irlanda f'April 2016, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 u t-tbassir tar-rebbiegħa tal-Kummissjoni tal-2016, il-konklużjonijiet li ġejjin huma ġġustifikati:

– Sa mill-2009, meta d-defiċit laħaq il-quċċata tiegħu b'madwar 11,5 % tal-PDG (bl-esklużjoni ta' miżuri ta' darba li jkabbru d-defiċit b'rabta ma' għajnuna għas-settur finanzjarju), il-bilanċ tal-gvern ġenerali tjieb gradwalment, bid-defiċit jonqos għal 3,8 % tal-PDG fl-2014 u għal 2,3 % tal-PDG fl-2015 (1,3 % tal-PDG jekk tranżazzjoni ta' darba tiġi eskluża[8]). B'mod ġenerali, it-tnaqqis

---

4 Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2010 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Irlanda.

5 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni tal-azzjoni meħuda mill-Irlanda f'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2010 bil-ħsieb li tinġab fi tmiemha s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern - COM(2011) 509 final, 24.8.2011.

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1).

7 B' konformità ma' "Speċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-Linji Gwida dwar il-format u l-kontenut ta ' Programmi ta ' Stabbiltà u Konverġenza", tat-3 ta' Settembru 2012. Ara: http://ec.europa.eu/economy_finance/economic_governance/sgp/pdf/coc/code_of_conduct_en.pdf

8 Fl-2015, skont ir-ristrutturazzjoni ppjanata tal-kapital regolatorju ta' Allied Irish Bank (AIB), parti mis-sehem privileġġat tal-gvern kellha tiġi konvertita f'ishma ordinarji. Din il-konverżjoni saret bi tħejjija għall-bejgħ previst tas-sehem imsemmi, bħala parti mill-pjanijiet tal-gvern Irlandiż li l-bank jitreġġa'

fid-defiċit kien dovut l-aktar għal trażżin fl-infiq, bil-piż tal-infiq primarju kurrenti bħala perċentwali tal-PDG jonqos bi 8,5 % bejn l-2010 u l-2015. Dan ġie appoġġjat minn żieda fil-proporzjon tad-dħul mal-PDG ta' ½% matul l-istess perjodu.

– Il-programm ta' stabbiltà tal-2016, ippreżentat mill-Irlanda fid-29 ta' April 2016, jippjana tnaqqis fid-defiċit tal-gvern, għal 1,1 % tal-PDG fl-2016 u, abbażi ta' suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika, għal 0,4 % tal-PDG fl-2017[9]. It-tbassir tal-Kummissjoni għar-rebbiegħa tal-2016 jbassar defiċit ta' 1,1 % tal-PDG fl-2016 u, abbażi ta' suppożizjoni ta' ebda bidla fil-politika, ta' 0,6 % tal-PDG fl-2017. B'hekk, id-defiċit mistenni li jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat matul il-perjodu ta' tbassir.

– Il-Kummissjoni tistma li l-bilanċ strutturali, li hu l-bilanċ tal-amministrazzjoni pubblika aġġustat għaċ-ċiklu ekonomiku u nett minn miżuri ta' darba u miżuri oħra temporanji, tjieb b'6,7 % tal-PDG tul il-perjodu 2011-2015.

– Il-proporzjon tad-dejn gross mal-PGD tal-gvern ġenerali kien naqas progressivament, wara li laħaq l-ogħla livell tiegħu għal 120 % fl-2013, u huwa previst li jkompli jonqos matul il-perjodu ta' tbassir. B'mod partikolari, id-dejn gross tal-gvern naqas għal 93,8 % tal-PDG fl-2015 minn 107,5 % tal-PDG fl-2014, minħabba ż-żieda fil-PDG nominali u l-bejgħ tal-assi tal-Istat, u huwa previst li jkompli jonqos għal 89,1 % tal-PDG fl-2016. Il-proporzjon tad-dejn gross tal-gvern huwa mbassar li jkompli jonqos għal 86,6 % tal-PDG fl-2017, ukoll minħabba kundizzjonijiet ċikliċi favorevoli, rati tal-imgħax storikament baxxi u bilanċ pożittiv primarju.

(11) Mill-2016, li hija s-sena ta' wara dik li fiha saret il-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv, l-Irlanda hija soġġetta għall-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u għandha timxi lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu l-medju tagħha b'pass xieraq, inkluż billi tirrispetta l-livell referenzjarju tal-infiq, u tikkonforma mal-kriterju tad-dejn skont l-Artikolu 2(1a) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97. F'dan il-kuntest, jidher li hemm riskju ta' xi devjazzjoni mill-perkors ta' aġġustament meħtieġ lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju għall-2016, filwaqt li l-Irlanda hija mistennija li tkun konformi fl-2017. L-Irlanda hija mbassra li tkun konformi mar-regola tad-dejn tranżizzjonali fis-sentejn li huma. Għalhekk, se jinħtieġu iktar miżuri fl-2016.

(12) F'konformità mal-Artikolu 126(12) tat-Trattat, Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv għandha titħassar meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru konċernat.

(13) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv fl-Irlanda ġie kkoreġut u għalhekk id-Deċiżjoni 2009/416/KE għandha titħassar,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv fl-Irlanda ġiet ikkoreġuta.

---

lura għal sjieda privata. Skont ir-regoli tal-kontabbiltà applikabbli, din il-konverżjoni żiedet l-infiq pubbliku tal-gvern tal-Irlanda (u, konsegwentement, id-defiċit tal-gvern) fl-2015.

[9] Lejn l-aħħar ta' April, hekk kif kienu għaddejjin it-taħditiet ta' formazzjoni wara l-elezzjoni ġenerali ta' Frar, il-Programm ta' Stabbiltà tal-2016 ippreżentat mill-Irlanda tħejja abbażi ta' ebda bidla fil-politika.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni 2009/416/KE, hija, b'dan, imħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Irlanda.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President